MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2008

Numru. 68/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**
**SPETTUR NEZREN GRIXTI**
**VS**
**VINCENT ELLUL**

**Il-Qorti,**

**Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Vincent Ellul, bin Victor u Silvana nee' Falzon, imwieled Pieta nhar is-6 ta' Settembru 1988 u residenti gewwa St Joseph Flat 3, Wied Hal Balzan, Balzan, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 411188M u akkuzat:-**

**Talli nhar is-26 ta' Jannar 2008 ghal habta ta' 5.15pm gewwa l-ground tal-football maghruf bhala Ic-Centinarju gewwa Ta' Qali, kif ukoll gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun ghal habta tas-7.00pm;**

**1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hemm ta' xorta li titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u cioe' fuq il-persuna ta' PS 754 J. Camilleri, l-Ispettur Mario Tonna, l-Ispettur Nezren Grixti, PS 302 E. Taliana u s-Surgent 254 J. Giordmaina ai terminu tal-Artikoli 92 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u kif ukoll gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, ingurja jew hedded jew ghamel offizi fuq il-persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha l-istess ufficcjali tal-Pulizija imsemmija fl-akkuzi hawn fuq u dan ai termini tal-Artikoli 92 u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkorstanzi gewwa Ta' Qali, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tas-Surgent 754 J. Camilleri kif iccertifika Dr Ivan Micallef M.D. tal-Isptar Mater Dei u dan ai termini tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u kif ukoll gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, ma obdiex l-ordnijiet ligittimi moghtija lilu mill-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita kienu ghamlu u dan ai termini tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**5. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai termini tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**6. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti g'dagha u dan ai termini tal-Artikolu 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**7. U aktar talli waqt l-istess hinijiet indikati, fl-istess lok, dati u that l-istess cirkostanzi, ikkommetta hsara volontarja billi kisser nuccali ghad-dannu ta' PS 754 J. Camilleri u dan ai termini tal-Artikoli 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**Semghet ix-xhieda bil-gurament.**

**Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.**

**Semghet l-ammissjoni tal-imputat.**

**Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti tat zmien ragonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.**

**Semghet l-apologija li ghamel l-imputat seduta stante;**

**Rat illi l-imputat hallas, f'seduta stante, is-somma ta' mija u hamsa u sittin Euro (€165.00) ghal hsara li ghamel fin-nuccali ghad-dannu ta' PS 754 J. Camilleri**

**Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.**

**Ikkunsidrat:-**

**Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 92, 95, 96, 221, 338 (ee), 338 (dd), 342, 325 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Art 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.33 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn waqt illi tipprojbixxi lill-imputat milli jattendi ghal loghob tal-football gewwa "football grounds" f'Malta u Ghawdex ghal perjodu ta' sentejn.**

**Il-Qorti fissret l-import ta' sentenza sospiza lill-imputat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------